MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 880/2013

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Fabien u Mariella mizzewgin Catania**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-12 ta’ Settembru 2013 li permezz tieghu l-attrici qeghda titlob il-hlas ta’ mija u erba’ u ghoxrin elf disa’ mija u seba’ u sebghin ewro u

tnax-il centezmu, bilanc ghad-debitu fil-*Loan Accounts*[1] tal-konvenuti flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Awwissu 2013 sad-data tal-effettiv pagament. L-attrici ppremettiet li l-konvenuti b'kuntratt pubblikat min-nutar Dr Maronia Fenech tat-30 ta' April 2007 tat facilitajiet bankarji lill-konvenuti Catania (fol. 4).

B'nota prezentata fis-6 ta' Novembru 2013 il-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici. Il-konvenut baqa' kontumaci.

Rat li l-konvenut l-iehor baqa' kontumaci.

Semghet lil Rose Cortis, ufficjal tal-bank attur tixhed bil-gurament.

Peress li mill-atti u deposizzjoni ta' Rose Cortis jirrizulta li t-talbiet attrici huma gustifikati**, tilqa' t-talbiet u tikkundanna lill-konvenuti flimkien u *in solidum* sabiex ihallsu lill-Bank of Valletta plc is-somma ta' mija u erba' u ghoxrin elf disa' mija u seba' u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€124,977.12) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Awissu 2013 sad-data tal-hlas.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Numru 40015789897 u 40015789868.